MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2010

Appell Civili Numru. 2/2010

**M'Assunta Darmanin**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fl-1 ta' Marzu, 2010 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**L-Arbitru.
>
> Ra d-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali datata 23 ta' Gunju 2009. Ra d-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali datata 24 ta' Gunju 2009. Ra l-ittra ta' l-appell.
>
> Ra r-Risposta tad-Direttur datata 1 ta' Frar 2010 flimkien mad-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra r-rapport mahluf ta’ l-Ispetturi tad-Direttorat tal-Frodi u Investigazzjonijiet.

**Ikkunsidra:**

Illi permezz ta' decizjoni moghtija minnu fit-23 ta' Gunju 2009, id-Direttur tas-Sigurta' Socjali ddecieda illi l-appellanti ma kenitx aktar intitolata ghall-Ghajnuna Medika peress illi ma kienx sodisfatt li l-appellanti kienet qed tabita fl-indirizz moghti minnha.

Illi permezz ta’ decizjoni moghtija minnu fl-24 ta' Gunju 2009, id-Direttur tas-Sigurta' Socjali ddecieda illi l-appellanti kienet thallset zejjed l-ammont ta' €3896.56 fil-Ghajnuna ghall-Mard li kienet irceviet mid-Dipartiment ghall-perjodu minn 19/09/2005 sa 17/07/2009 u li dan l-ammont kellu jithallas lura minnha, peress illi d-Direttur ma kienx sodisfatt li l-appellanti kienet qed tabita fl-indirizz moghti minnha.

Illi mir-rapport guramentat ferm dettaljat tal-Ispetturi tad-Direttorat tal-Frodi u Investigazzjonijiet, hemm provi cari li juru li l-appellanti mhix qed tabita fl-indirizz moghti minnha. Is-semplici fatt li persuna jkollha l-karta tal-identita' fuq indirizz jew li tircievi l-posta f’dak l-indirizz ma jfissirx li dik il-persuna tkun qed tabita b'mod regolari fl-istess indirizz. Il-fatt li l-konsum ta' l-ilma u dawl tul medda ta' hames snin fl-indirizz dikjarat mill-appellanti huwa kwazi inezistenti; il-fatt li l-appliances bazici (ez. fridge u geyser) gol-post kienu jew mitfiha jew ma jahdmux, u l-fatt li hwejjeg imdendlin fil-gwardarobbi ma kienx hemm, huma kollha indikazzjonijiet cari li l-appellanti m'hix qed tabita fl-indirizz moghti minnha kif titlob il-ligi. Oltre dan, l-Arbitru jidhirlu li l-ispjegazzjonijiet li tat l-appellanti ghal dawn ic-cirkostanzi, m'humiex konvincenti. Ghalhekk jidher li d-decizjonijiet tad-

> Direttur ittiehdu skond il-ligi u jimmeritaw konferma.
>
> Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjonijiet appellati qedin jigu kkonfermati.”

L-appell intavolat mill-beneficjarja huwa ghar-revoka tad-decizjoni ta’ l-Arbitru li kkonfermat d-decizjoni precedenti tad-Direttur li rrikjama lura ghandu l-hlas ghall-Ghajnuna Medika supplita lill-istess beneficjarja bejn id-19 ta’ Settembru 2005 u s-17 ta’ Lulju 2009;

Huwa bil-wisq evidenti mill-korp tad-decizjoni appellata illi l-Arbitru pprestat affidament komplet lir-Rapport Investigattiv ta’ l-Ispettorat tal-Frodi fi hdan id-Dipartiment u li, bazikament, kien jikkontjeni din l-informazzjoni:-

1. *In primis*, jidher li l-investigazzjoni kienet issuggerita biex jinkiseb taghrif dwar jekk Rita Brincau, bint l-appellanti, kienetx effettivament qed tabita fl-indirizz iddikjarat minnha. Difatti, l-Ispetturi staqsew biex jitkixfu n-numru tat-*telephone* ta’ din il-persuna, u meta finalment ghamlu kuntatt maghha, huma ghamlu zjara fil-flat indikat lilhom mis-Sinjura Brincau;

2. F’dan il-flat huma sabu lis-Sinjura Brincau, lil binha u lill-appellanti. Jidher mill-korp tar-rapport illi d-diskussjoni saret interament ma’ l-istess Rita Brincau;

3. Fuq il-verifiki minnhom maghmula l-konkluzjoni ta’ l-Ispetturi hi kollha kemm hi fis-sens “illi huwa ferm improbabbli li s-Sinjura Rita Brincau qeghda tghix b’mod regolari u permanenti fl-indirizz indikat minnha”;

Minn dan dedott huwa ghaldaqstant stramb kif u fuq il-bazi ta’ dak l-istess Rapport, sew id-Direttur, u l-Arbitru warajh, iddeterminaw li ma kienux konvinti illi l-appellanti ma kienetx qed tabita fl-indirizz moghti minnha, meta ghal

kull effetti l-investigazzjoni kienet tikkoncerna lil Rita Brincau;

Issa, ankorke minn dak l-istess Rapport kellu ghall-grazzja ta’ l-argoment jigi spigolat ukoll illi l-appellanti lanqas hi ma kienet qeghda tirrisjedi fil-fond spezzjonat, tqum il-kwestjoni jekk l-Arbitru, kif hekk minnha konsiderat, ghamletx sewwa li ma taccettax bhala konvincenti l-ispjegazzjonijiet lilha moghtija mill-appellanti fil-kors tas-seduta tat-22 ta’ Frar, 2010.  Fil-qosor, l-appellanti f’din is-seduta ddikjarat illi hi toqghod fl-appartament tal-Gvern indikat minnha.  Spjegat ukoll illi hi tqatta’ hafna zmien fl-indirizz ta’ ommha u ta’ ohtha Numru 47 Triq Azzopardi, Marsa.  Hu indikat mill-appell taghha lill-Arbitru illi ommha ghandha 94 sena filwaqt li ohtha hi “*bed ridden*” u konsegwentement jenhtiegu l-ghajnuna taghha;

Kif drabi ohra rilevat minn din il-Qorti kull kaz ta’ din ix-xorta jiddependi mill-fattezzi partikolari tieghu.  Ir-rizoluzzjoni tieghu, imbaghad, jiddependi fuq jekk wiehed jemminx, jew le, il-versjoni provvduta skond il-kuxjenza u l-liberu konvinciment tal-gudikant.  Tqum hawn il-kwestjoni jekk il-gudikant ghandux jaccetta bhala *bona fide* il-versjoni ta’ l-appellanti illi hi tiehu kura ta’ ommha u ta’ ohtha *handicapped*.  Fi kliem iehor, ghandhiex tigi emnuta l-ispjegazzjoni ta’ l-appellanti f’dan is-sens meta mkejla fuq it-test tal-verosimiljanza;

Huwa fl-esperjenza komuni u ben pacifiku illi jezistu wlied u membri ohra tal-familja li minhabba raguni ta’ parentela u s-sens ta’ rispett jiehdu kura ta’ membri ohra tal-familja, specjalment konsangwineji li, jew ghax anzjani, jew ghal raguni ta’ sahha, jkollhom bzonn l-ghajnuna taghhom.  Fl-istess waqt li jaghmlu dan, ma ghandux ta’ bilfors ifisser jew jigi dedott illi ghal dik ir-raguni, ferm rakkomandabbli, huma jkunu b’hekk abbandunaw il-lok proprju tar-residenza taghhom.  Frankament, din il-Qorti ma tarax, ghas-sens tal-verita u tal-kredibilita`, li ghandha tiskarta l-

ispjegazzjoni ta' l-appellanti ghaliex anke din hi possibbli u verosimili;

Kif drabi ohra deciz, "fi kwestjoni ta' kredibilita` mill-apprezzament tal-provi l-kriterju mhuwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma jekk dik l-ispjegazzjoni hijiex possibbli u minn lewn id-dinja fic-cirkustanzi zvarjati tal-hajja" ("**Joseph Borg *et* -vs- Joseph A. Bartolo**", Appell Inferjuri, 25 ta' Gunju, 1980). Fil-kaz prezenti, ghal din il-Qorti, l-ispjegazzjoni ta' l-appellanti hi wahda fededenja u mhux ta' minn jeskludiha.

Ghal motivi predetti din il-Qorti qed tilqa' l-appell, thassar is-sentenza appellata ta' l-Arbitru u konsegwentement tichad ukoll id-decizjoni tad-Direttur appellat ta' l-24 ta' Gunju, 2009 li rrikjama lura minghand l-appellanti l-hlas lilha moghti f'Ghajnuna ghall-Mard ghal perjodu mis-17 ta' Settembru, 2005 sas-17 ta' Lulju, 2009.  L-ispejjez relattivi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------